**Konferenza Stampa:** *26/03/2015 Buskett 14:00*

Bonġu lilkom li lqajtu l-istedina tagħna sabiex niddiskutu tema daqstant importanti: il-kaċċa responsabbli.

Wieħed mill-punti li qed jitqajmu fil-kampanja referendarja dwar il-kaċċa fir-Rebbiegħa hija l-illegalitajiet li jiġru relatati mal-kaċċa. Il-Moviment IVA mhux ser jinħeba wara subgħajh u jipprova jiċħad li dawn il-każi ma jeżistux. Anzi bħal ma diġà tennejna f'każi oħra ma għanda l-ebda rispett lejn dawk li għadhom ma jridux jifhmu li ż-żmien l-imġiba ta' *free-for-all* ilu spiċċa.

Il-Moviment IVA huwa favur li jkun hemm koperazzjoni bejn il-partijiet kollha kkonċernati, mhux l-anqas il-kaċċaturi, fil-ġlieda kontra l-illegalitajiet. Dan huwa wara kollox x'jiġri fil-pajjiżi Ewropej, fejn ukoll hemm problemi daqs u akbar minn ta' Malta marbuta mal-illegalitajiet fil-kampanja. Minkejja dan, u minkejja li l-pieni f'dawn il-pajjiżi huma ferm anqas minn dawk ta' Malta, ħadd fl-Ewropea ma jipproponi li jelimina xi staġun tal-kaċċa leġittimu minħabba xi każi t'illegalitajiet. Dan l-argument estremista qed jiġi użat biss ġewwa Malta.

Biex jirnexxielna niġġieldu l-illegalità hemm bżonn inkunu realistiċi u niddiskutu l-problema b'mod oġġettiv. Mingħajr sensazzjonaliżmu u esaġerazzjonijiet, u mingħajr għajnuna ta' fondi u interventi minn individwi barranin li ma jinteressahomx daqstant minn isem pajjiżna.

Il-Moviment IVA irid isemmi wkoll il-multi u l-pieni li hemm fis-seħħ, anke pieni ta' ħabs, marbuta ma' dawn il-forom t'illegalitajiet. Dawn servew ta' deterrent għal min kien beħsiebu jikser il-liġi kif ukoll emfasizzaw id-distinzjoni bejn dawk li huma kriminali u dawk il-kaċċatur li jipprattikaw id-delizzju tagħhom b'mod responsabbli.

L-isforzi ta' kemm il-kaċċaturi u kemm il-Birdlife, kif ukoll ix-xogħol li jagħmlu l-Forzi tal-Ordni, qed iħalli l-frott. Relatat ma' dan, fl-20 nofstanhar kaċċa f'April 2014 saru aktar minn 5,000 *spotcheck* mill-pulizija. Dan minbarra r-*roadblocks* u saħansitra tfittxijiet fid-djar.

Tajjeb li wieħed ifakkar li kemm l-infurzar, kif ukoll l-istudji marbuta mal-applikazzjoni tad-deroga, huma mħallsa mill-liċenzji li jħallsu l-kaċċaturi nfushom. Dawn il-liċenzji għolew kemm-il darba, bl-aħħar żieda sostanzjali riċenti tkun f'Jannar li għadda. U, nenfażizza, għalhekk għolew, biex jista jkun finanzjat l-istudju, l-infirzar u kull m'għandu x'jaqsam mall-liċenzji tal-kaċċa u l-insib.

Fl-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2014 il-Birdlife Malta stess irrapurtat tnaqqis ta' 71% fl-abbużi relatati mal-kaċċa fuq l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa fis-sena ta' qabel. Meta wieħed jevalwa dawn in-numri jinnota li kien hemm erba' każi biss, minn total ta' erbatgħax, li kienu jinvolvu tajr protett matul l-istaġun qasir tal-kaċċa fir-Rebbiegħa.

L-abbuż qiegħed jonqos minn sena għall-oħra u kull min huwa midħla tas-sitwazzjoni fil-kampanja Maltija u l-għasafar tal-passa jgħidlek li għalkemm il-problema għadha ma nqerditx għall kollox, ġie rreġistrat titjib sinifikanti ħafna f'dawn l-aħħar snin.

Minkejja dan it-titjib il-kampanja tal-'Le' xorta waħda qed tinsisti li telimina l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għaliex fadal xi każi t'abbuż. Sfortunatament qed insegwu kampanja li l-għan tagħha huwa li jinħoloq preġudizzju kontra kull min jipprattika l-kaċċa legalment ġewwa pajjiżna. B'kontradizzjoni tal-istatistika tagħhom stess, tal-'Le' ħaduha drawwa jittimbraw lin-nies u jpinġu sitwazzjoni fejn, nikkwota l-kelma eżatt, 'il-maġġoranza tal-kaċċaturi' huma kriminali.

L-estremiżmu fil-kampanja tal-'Le' irid li mal-ħażin jeħel it-tajjeb kollu. Aħna nemmnu li l-ebda settur tas-soċjetà ma għadu jiġi mġiegħel iħallas għall-aġir tal-elementi kriminali li jeżisti fi ħdanu. Għaliex:

- Ħadd ma jimmaġina li jieqaf xi sport minħabba xi korruzzjoni jew każi ta' doping.
- Trid tkun estremist biex tipproponi li twaqqaf xi festi minħabba xi inċidenti li jinqalgħu.
- Ħadd ma qed jipproponi li jwaqqaf it-traffiku minħabba abbuż fis-sewqan.
- Ħadd ma tgħaddilu minn rasu li għax ikun hemm min hu rresponsabbli u jħalli l-iskart warajh, tinqata' r-rikreazzjoni tal-Maltin minn ġol-kampanja.

Dawn huma ftit eżempji li jikkonfermaw l-aġenda estremista ta' min hemm wara l-kampanja tal-'Le'. Il-kwistjoni tal-illegalitajiet hija biss skuża sabiex itappan l-integrità ta' min jipprattika d-delizzju tal-kaċċa b'mod responsabbli ġewwa pajjiżna.

Is-sensazzjonaliżmu li qed jinqdew bih tal-'Le' huwa prova oħra li l-kampanja tagħhom hija waħda negattiva u mingħajr kredibbiltà. Dan għaliex l-illegalitajiet ma jibdewx u ma jiqfux minn meta jibda u jispiċċa l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa. Anzi, statistika uffiċjali turi biċ-ċar li l-preżenza tal-kaċċatur fil-kampanja waqt l-istaġun miftuħ tal-kaċċa huwa l-aqwa deterrent għall kriminali.

L-illegalitajiet jiġru wkoll fil-Ħarifa, mhux fir-Rebbiegħa biss. Bl-istess argument tal-'Le' ma ndumux ma narawhom jikkampanjaw kontra l-istaġun tal-Ħarifa wkoll għaliex ikun għad baqa' xi każi t'illegalità.

Min hu kriminal m'għandux rispetti lejn staġuni, lanqas għandu rispett lejn il-kaċċaturi serji. Nazzarda ngħid li dawn il-persuni jieħdu gost jaraw il-kampanja titbattal mill-kaċċaturi li, kif diġa għidt, iservu ta' deterrent kontra dawk li jiksru l-liġi. Għal din is-sempliċi raġuni, aħna nemmnu li vot 'Le' huwa kastig diskriminatorju kontra dawk li dejjem imxew mal-liġi.

Għaldaqstant aħna nilqgħu b'sodisfazzjon l-impenn tal-Gvern li jkun xi jkun ir-riżultat tar-referendum, xorta se jintuża ponn b'saħħtu kontra dawk li jikkommettu reati fil-kampanja Maltija. Il-Moviment IVA mhux se jkun prużuntuż u jipprova jwebbel lin-nies li l-illegalitajiet se jispiċċaw għaliex inkunu ċaħħadna lill-maġġoranza tal-kaċċaturi li jkollhom staġun tal-kaċċa limitat kif ikkonfermat bi dritt il-Qorti Ewropea.

Għal kull prattika umana hemm il-liġijiet li jirregolawha u dawn komplew jiżviluppaw matul iż-żmien. Il-kaċċa u d-delizzji l-oħra kollha m'humiex eċċezzjoni u għal din ir-raġuni li **IVA, Bħala Maltin u Ewropej** hija favur delizzji pprattikati b'mod responsabbli.

Dr. Kathleen Grima